



Fiż-żjara li l-Prim Ministru għamel ġewwa l-Awstralja, fix-xahar t' Awissu li għadda, huwa mar kemm fil-Provincial House tagħna ta' Melbourne fejn iltaqa' mal-Fathers tagħna' kif ukoll fid-dar ta' Sydney, fejn barra li iltaqa' mal-Fathers tagħna attenda wkoll għall-quddiesa fil-kappella ta' l-istess dar.

# *Il-Prim Ministru ġewwa l-Awstralja*



## *Ta' min jgħinhom*

**Barra dawn Iż-żgħażagħ peruvjani, li qrajtu fuqhom fl-ewwel paġna, għandna numru sabiħ ieħor ta' maltin, oħrajn mill-Filippini u mill-Pakistan li dawn kollha qegħdin fil-kors tal-formazzjoni biex isiru missjunarji fis-Soċjetà tagħna.**

**Dan iż-żmien ta' formazzjoni jingħata attenzjoni speċjali, għax minn hawn jiddependi xogħol pastorali li jrid jagħmel 'il quddiem il-missjunarju. Dan kollu aħna nistgħu nagħmluh bil-ġenerożità tagħkom.**

**Trid ikollok sehem f'din il-formazzjoni taż-żgħażagħ tagħna? Dan tista' tagħmlu billi toffri £m250 waħdek, jew ma' ħaddieħor, f'daqqa jew ftit ftit. Kif trid int. Jekk trid tista' wkoll tħalli din il-Fundazzjoni f'testment biex issir wara mewtek.**

**Għal sena oħra, il-Ċentru Animazzjoni Missjunarja (CAM) bagħat ħames lajċi oħra biex jagħmlu xogħol volontarju fil-Perù. Ix-xogħol ser ikun fil-parroċċi mmexxija mill-patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fil-belt ta' Arequipa. Għalkemm huma ser ikunu imqassmin fi tliet parroċċi, primarjament se jkunu qed jaħdmu u jgħinu fil-kura u l-attenzjoni tat-tfal fl-'Aldea Sagrada Familia' . Din hija dar li tilqa' fiha madwar 55 tifel u tifla. Barra dan huma ser jgħinu wkoll f'diversi proġetti oħra bħal: żjajjar lill- familji jew individwi li huma fqar u fil-bżonn, għajnuna fil-kċejjen pubbliċi, u lezzjonijiet ta' l-ingliż u crafts.**



## LAJĊI MISSJUNARJI TA' SAN PAWL (LMSP)

Nawguraw lil Pauline Bartolo, Chrissy Borg Cunen, Karen Azzopardi, Stephanie Falzon u Francesca Rizzo li jkollhom esperjenza sabiħa u li jilħqu l-għan u s-sejħa li Alla għamlilhom f'din il-mixja missjunarja tagħhom.

Il-CAM jipprepara nies li huma nteressati jaħdmu fil-Peru, normalment għal sena, bħala lajċi missjunarji. Programm ġdid ta' preparazzjoni se jibda' fi ftit żmien ieħor.

Min hu nteressat u jixtieq iktar informazzjoni, wieħed jista' jċempel fuq 21446435, jew jibgħat email fuq: **info@cam.com.mt** jew inkella billi jżur il-website: **www.cam.com.mt**


**Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl | Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 | Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159**





NEWSPAPER POST

SETTEMBRU 2007 | GĦADD 418
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

# aħna *lilkom*

Ħolqa bejn il-ħbieb



Fr. Marcell Portelli mssp
Lima, Peru


# *Inħarsu lejn il-Futur* ***bit-tama***

Is-Soċjetà tagħna bdiet il-ħidma tagħha fil-Peru' fid-9 t'Awissu tal-1968.

Il-bidu kien difficli, u anke biex tibda l-ħidma għall- vokazzjonijiet. Biss bil-mod il-mod żgħażagħ Peruvjani mill-Parroċċi tagħna bdew jersqu lejna bix-xewqa li jidħlu magħna u jgħixu l-ħajja tagħna. L-ewwel dar ta' Formazzjoni fil-Peru' kienet fil-raħal fqir (Slum area) ta' Buenos Aires-Alto Cayma -Arequipa. Hawn kienet issir il-formazzjoni kollha sas-saċerdozju. F' Ġunju tal-1993 krejna dar f'Lima, il-belt kapitali tal-Perù, u n-novizjat u l-istudentat ġew trasferiti f'din il-belt. Ir-raġuni kienet li f'din il-belt l-opportunitajiet tal-formazzjoni huma ħafna aktar mill-belt ta' Arequipa. Illum fid-dar tal-formazzjoni ta' Lima għandna l-prenovizzi w l-istudenti . F'dar li tmiss magħha hemm in-novizzjat.

Mal-wasla tagħna f'Lima bdejna niġu f'kuntatt ma' komunitajiet reliġjużi ġodda rġiel u nisa. Il-komunitajiet tan-nisa ressquna lejn żgħażagħ li joqogħdu fl-irħula ta' fejn qegħdin jaħdmu huma. Fejn qabel il-vokazzjonijiet kienu jiġu mill-parroċċi li għandna Arequipa li qegħda fin-nofsinhar tal-Peru', issa mal-wasla tagħna Lima bdejna niġu f'kuntatt ma' żgħażagħ mit-tramuntana u l-bosk tal-Peru'. Fil-fatt f' dan il-mument għandna 12-il żagħżugħ peruvjan fil-formazzjoni; 8 huma minn Arequipa, 2 mill-bosk u 2 mit-tramuntana tal-Peru'. Minn dawn 2 huma aspiranti, 4 prenovizzi u 6 studenti.

Kif nagħmlu biex ż-żagħżagħ jsiru jafuna? Ġewwa Arequipa u Lima kull xahar issir laqgħa għaż-żgħażagħ li għandhom ħajra vokazzjonali. Għall-aħħar tas-sena lil dawn Iż-żgħażagħ li ppartecipaw matul s-sena f'dawn il-laqgħat vokazzjonali u li għandom tal-inqas 18-il sena, nistidnuhom għal-live in ta' 15-il ġurnata. Għall-aħħar tal-live in issir evalwazzjoni taż-żgħażagħ li jkunu ppartecipaw u jiġu mistidnin dawk Iż-żgħażagħ li jidhrilna huma ppreparati biex jibdew l-asperandat.

Għall-grazzja t'Alla f'dan il-mument hawn il-Peru' għandna grupp sabiħ ta' żgħażagħ li qegħdin jippreparaw ruħhom biex isiru missjunarji fis-Soċjetà tagħna. S'issa bil-grazzja t'Alla diġa' għandna 4 saċerdoti peruvjani. Dan jgħinna nħarsu lejn il-futur bit-tama u bi tbissima. Aħna konvinti li l-ewwel propaganda għall-vokazzjoniet hi l-ħajja tagħna, kif ngħixu aħna. Għalhekk nitlobkom mhux biss tibqgħu tgħinuna finanzjarjament permezz tal-boroż ta' studju, imma wkoll titolbu għalina ħalli aħna l-kbar ngħixu l-vokazjoni tagħna bl-ikbar fedeltà w impenn skond il-kariżma missjunarja li ħallielna l-Fundatur tagħna, s-Serv t'Alla Mons. Ġużeppi De piro.










# Ir-Rikonjizjoni u l-Preservazzjoni *tal-Fdalijiet tal-Fundatur*





Huwa b'sodisfazzjon kbir li lejliet l-ewwel ċentinarju mill-Fundazzjoni tagħna, li aħna nistgħu inħabbrulkom żvilupp importanti fil-proċess tal- kawża tal-kanonizżazzjoni tal-Fundatur tagħna, il-qaddej t'Alla Ġużeppi De Piro.
Permezz tal-isforz u d-determinazzjoni ta' Fr. Tony Sciberras mssp, il-Vici-Postulatur tal-kawża tal-Fundatur tagħna, wasalna biex nagħmlu r-rikonjizjoni, eżumazzjoni u l-preservazzjoni tal-fdalijiet tal-Fundatur li qegħdin fil-Kripta tal-Motherhouse, f'Sant Agata r-Rabat, Malta

(Parti mill-messaġġ li bagħat il-Superjur Ġeneral minn Ruma, lil kull membru tas-Soċjetà)

Għalhekk nhar it-Tnejn, 13 ta' Awissu, fit-3.30 p.m., fil-prezenza ta' Mons A. Said Pullicino,Vigarju Ġudizjarju tal-Arċidjoċesi, Dr Anthony Abela Medici, l-ispeċjalista li esegwixxa l-proċess ta' preservazzjoni flimkien ma' l-assistent tiegħu Mr Ray Gatt, u Fr. T. Sciberras, Vici Postulatur ta'l-istess Kawża, infetaħ il-sarkofagu. It-tebut li fih kien hemm il-fdal tal-Fundatur, ġie meħud f'kamra apposta biex isir ix-xogħol meħtieġ.

F'dan l-istess ħin it-Tribunal Ekkleżjastiku, li kien magħmul minn Mons. A. Said Pullicino, Fr Brandon Gatt, Promotor Iustitiae u Fr Norbert Bonavia mssp, Attwarju, sema' x-xhieda ta' żewġ membri tas-Soċjetà dwar jekk il-fdal li hemm fis-sarkofagu humiex dawk tal-Fundatur u jekk is-sarkofagu qattx infetaħ mill-1960 'l hawn.

Ta' min jgħid li l-Fundatur, wara l-mewt tiegħu, ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Fis-sena 1948, ġie trasferit għal Sant'Agata, u fis-1960, ġie meħud fis-sarkofagu fil-kripta ta'S. Agata fejn qiegħed il-lum.

Ġimgħa wara il-ftuħ tas-sarkofagu, f'20 t' Awissu, fil-5.00 p.m, il-fdalijiet tal-Fundatur, li issa ppreservati, u imqegħdin f'urna tal-ħġieġ twasslu mis-Superjur Ġenerali, flimkien mal-kunsillieri tiegħu għall-Kapella ta' Sant Agata. Warajh imxew il- membri tal-kunsill tar-Reġjun ta' Malta iġorru kaxxa oħra tal-ħġieġ, li fiha kien hemm l-għadam tar-riġlejn u ż-żarbun. Dawn tpoġġew għalihom ħalli jistgħu iservu ta' relikwi aktar 'l quddiem. Fil-Knisja kollox tpoġġa quddiem l-artal u beda it-talb immexxi minn Fr. M. Cilia mssp u l-formandi. Fil-Knisja, barra l-membri tal-mssp, kien hemm preżenti l-qraba tal-Fundatur, il-qraba tal-membri tagħna, u xi ħbieb oħra.

Meta tlesta t-talb ħadu l-ġuramenti l-membri tat-Tribunal li semgħu ż-żewġ xhieda nhar it-13 ta' Awissu, u ġew iffirmati d-dokumenti li fihom kien deskritt il-proċess tal-preservazzjoni. Mal-fdal tqegħdu tliet tubi żgħar. F'wieħed tqiegħed dokument li jirreferi għall-awtentikazzjoni tal-fdal u għat-trasport tagħhom miċ-ċimiterju tal-Addolorata sa Sant'Agata. Fit-tieni tubu tqiegħed dokument li jirreferi għall-awtentikazzjoni tal-fdalijiet u għat-trasport tagħhom mill-kripta fuq, għall-kripta isfel fejn qiegħed illum. Fit-tielet tubu tqegħdet kitba dwar l-awtentikazzjoni tal-fdal u l-ippreservar tagħhom, li kien għadu kif sar.

L-urna bil-fdal u l-kaxxa l-oħra tal-ħġieġ ġew issiġillati bis-siġill tal-Kurja quddiem dawk kollha preżenti. Għal dan il-mument kien preżenti wkoll il-Postulatur tal-kawża tal-Fundatur, Mons Charles Scicluna u Fr. C. Bugeja, rappreżentant tal-Kanċillier tal-Kurja, li quddiemhom sar l-issiġillar. Wara l-issiġillar dawk preżenti resqu biex jagħtu qima mill-qrib lill-fdalijiet tal-Fundatur .

Wara dan, l-urna tal-ħġieġ bil-fdalijiet inġarret mill-kappella lejn il-Kripta, u tqiegħdet mill-ġdid fis-sarkofagu fejn kienu sa issa. Il-qabar ingħalaq kif kien qabel.

Ix-xogħol tal-urna sar mis-Sur Paul Licari tad-ditta Ars Vitrea, u ix-xogħol tal-ġebel kien f'idejn Bro Kristinu Borg mssp.

Iż-żewġ okkażżjonijiet kienu trasmessi via internet, bl-inizzjattiva ta' Fr. M. Galea mssp, ħalli b'hekk sħabna imxerrdin mad-dinja setgħu isegwu dan l-avveniment storiku li kien qiegħed isir f'Malta.


